**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2024**

**Rikors Guramentat nru ; 6 /2024 AGV**

**DG**

**Vs**

**KG**

Il-Qorti;

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' DG datat 12 ta' Jannar, 2024, fejn l-attrici talbet is-separazzjoni minn mal-konvenut.**

Rat ir-rikors kongunt bejn il-partijiet datata 15 ta' Frar, 2024, fejn il-partijiet ippresentaw l-abbozz ta' ftehim bejniethom, ghall-approvazzjoni tal-Qorti.

Rat illi l-partijiet qablu li din il-kawza tigi konvenrtita f'wahda ta' divorzju.

**Rat ir-rikors datat 10 ta' Gunju 2024;**

Tesponi bir-rispett:

Illli l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Settembru 2015 fil- Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, Haz-Zebbug, Malta u minn dan iz-zwieg kellhom tifel minuri, T , li twieled fil-21 ta' Ottubru 2020. Kopja tac-certifikat taz-zwieg huwa anness mar-rikors guramentat promotur u mmarkat bhala Dok A.

Illi r-rikorrenti kienet intavolat dawna l-proceduri ta' separazzjoni personali kontra l-intimat KG , izda fil-mori ta' dawna l-proceduri, l-partijiet lehqu ftehemu fuq kuntratt ta' separazzjoni personali u di fatti tali kuntratt gie ppubblikat fl-4 ta' Gunju 2024 fl-atti tan-Nutar Mark Zammit kopja tieghu hawn annessa u mmarkata bhala **Dok AX**.

Illi manteniment qieghed jithallas b'mod regolari u/jew thallas kollu fi shih.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni u ilhom separati *de facto* minn Novembru 2021.

Illi r-rikorrenti taf b’dawn il-fatti personalment u hija x-xewqa taghha illi l-ewwel talba tar-rikors guramentat tigi kkonvertita ghal wahda ta’ divorzju u mhux separazzjoni personali.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna u tawtorizza illi l-ewwel talba attrici fl-intier taghha tigi kkonvertita u titqies bhala talba ghal pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet ghal kull fini u effett tal-Ligi, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 66F tal-Kodici Civili.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Bl-ispejjez.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fil-5 ta' Settembru 2015.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**